MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1034/2005

**GasanMamo Insurance Limited – C-3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sandra Gauci u l-istess
Sandra Gauci (ID No. 118277M)**

**Vs**

**Oliver Lautier**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm261.35c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Sandra Gauci bil-vettura taghha SAN 177 qalet:

"Kont qed insuq u hassejtni qed niskiddja ghax l-art kienet imxarrba u biex ma nibqax sejra ghafast kemm stajt mal-bending, waqaft, iccekjajt jekk hux gej xi hadd u ma kien gej hadd. Irriversjajt ftit u x'hin se nibda nsuq 'il quddiem hassejt id-daqqa."

Bhala hsara kellha *rear right tail lamp* u *rear right wing*.

Il-konvenut bil-vettura LOI 551 qal:

"Kont qed insuq, rajt lil SAN 177 tirriversja u bbrejkjajt. Skiddjajt, dawwart l-isteering 'il barra biex nipprova nevitaha pero' xorta bqajt niskiddja u hbatt maghha."

Bhala hsara kellu *front right wing*.

Ra x-xhieda ta' Sandra Gauci fejn tikkonferma li kif waslet hdejn ir-roundabout hdejn Kinds hasset il-karozza qieghda tiskiddja u ghalhekk dawret l-isteering fid-direzzjoni tas-*centre strip* sabiex twaqqaf il-karozza. Hekk kif kienet ingranata *first* biex malli jkollha cans iddur mar-roundabout, semghet hoss u hasset daqqa fuq in-naha ta' wara.

Tikkonferma li l-konvenut kif hareg mill-vettura tieghu qal li skiddja kif ukoll ftit granet wara li sar l-incident l-istess konvenut kien cemplilha u qallha li jekk il-hsara fil-karozza taghha ma kienx hafna pprefera li jhallas hu milli l-insurance tieghu.

Fil-kontro-ezami tghid li hi resqet ftit fuq il-lemin u r-rota dahlet fis-*centre strip*. Biex inqalghet minn mas-*centre strip* kellha terga' tirriversja ftit, resqet ftit 'il quddiem u hekk kif kienet bil-*first* tistenna biex iddur mar-roundabout

sar l-impatt. Tichad li l-impatt sar kif kienet qieghda tirriversja.

Tikkonferma li meta rriversjat ma ratx vetturi gejjin minn wara.

Ra x-xhieda ta’ Claudia Pace li kienet passiggiera ma’ Sandra Gauci fejn tikkonferma li qalet Gauci.

Ra x-xhieda ta’ Roseanne Azzopardi li kienet passiggiera fuq wara ma’ Gauci fejn tikkonferma wkoll ix-xhieda ta’ Gauci. Tghid ukoll illi waqt li kienu wieqfin harset lura u rat lill-konvenut gej bi speed qawwi, ha brejk, skiddja u sar l-impatt. Tikkonferma illi meta Gauci rriversjat, hi harset lura u rat il-vettura tal-konvenut ‘il boghod hafna. Terga’ tikkonferma li meta sar l-impatt il-vettura ta’ Gauci kienet wieqfa.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi qabel l-incident kien ra lil Gauci bir-*reverse lights* u kien dak il-hin meta hu ghafas il-brejk b’rizultat li l-vettura tieghu skiddjat minhabba x-xita u sar l-impatt. Jikkonferma li pprova jevitaha izda laqatha bil-*front right* tieghu mar-*rear left* taghha.

Jghid ukoll illi ma jafx b’liema speed kien ghaddej. Jikkonferma li wara l-incident kien qal lil Gauci li jekk kien tort tieghu jippreferi jhallas hu milli l-insurance, jiddipendi skond il-hsarat.

Fil-kontro-ezami jikkonferma li fil-mument ta’ l-impatt ir-*reverse lights* kienu mitfijin. Jghid li Gauci kienet lesta biex tidhol ghal gol-roundabout.

Ra x-xhieda ta’ Dr Anne Marie Busuttil li kienet passiggiera mal-konvenut fejn tikkonferma x-xhieda tal-konvenut u zzid li l-vettura ta’ Gauci qabel l-incident ippruvat tinqala’ minn fuq is-*centre strip*. Tikkonferma li l-konvenut ma kienx xurban.

Fil-kawza **Vella Vs Camilleri - Prim’ Awla 29/01/98** gie ritenut:

"Li f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-iskid; jekk ma tirizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli. Gie ritenut ukoll insubjecta materia li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tiggrava l-iskid."

Illi f'din il-kawza z-zewg persuni nvoluti tilfu l-kontroll tal-vettura minhabba x-xita. Is-socjeta' attrici ssottomettiet li l-assigurata taghha rnexxielha tikkontrolla l-vettura filwaqt li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed u naqas li jikkontrolla l-vettura tieghu u jzomm distanza ragunevoli 'l boghod.

Ra illi l-konvenut ikkonferma li Gauci ma kienetx qed tirriversja meta sar l-impatt.

Meta xehdet Sandra Gauci qalet li wara li waqfet inqalet minn mas-*centre strip* u resqet ftit 'il quddiem. Fil-kontro-ezami Gauci ammettiet li rriversjat ftit wara li kienet waqfet u mbaghad resqet 'il quddiem.

Illi fil-kawza **Kollez. VLLIV P. IV p. 892** – intqal:

"Driver ta' karozza ghandu nnegabilment fost ohrajn zewg doveri: wiehed dak li jzomm *a proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians* u *road users* ohra; u l-iehor dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pozizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."

F'din il-kawza l-konvenut ra r-*reverse lights* meta kien distanza mhux hazin 'il boghod mill-vettura ta' Gauci izda naqas li jzomm il-karozza taht kontroll. L-attrici kellha d-dover li thares lura qabel ma tirriversja specjalment meta

kienet ghadha kif skiddjat. Meta xehdet l-attrici qalet li wara li rriversjat imxiet naqra ‘l quddiem imbaghad saret il-habta. Illi ezatt wara l-habta l-attrici qalet li saret il-habta x’hin kienet ser tibda ssuq il-quddiem (ara fol 16 tal-process).

Jirrizulta li minhabba l-fatt li t-triq kienet imxarrba z-zewg vetturi nvoluti f’dan l-incident skiddjaw. Illi l-konvenut jghid li kellu jibbrejkja ghaliex ra lill-attrici tirriversja.

Illi kien id-dover tal-konvenut li jzomm il-karozza tieghu taht kontroll. Jekk it-triq kienet imxarrba kellu d-dover li jsuq bil-mod hafna. Il-kawza prossima ta’ l-incident kien li l-konvenut naqas li jzomm il-karozza tieghu taht kontroll necessarju.

Id-danni mhux ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm261.35c) bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta’ Mejju, 2005.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------